

Brussell, 12 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9628/26

FISC 194
ECOFIN 666

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 12 ta' Ġunju 2026

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) matul il-Presidenza Ċiprijotta
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' Ġunju 2026)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), approvati mill-Kunsill fl-4181 laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Ġunju 2026.

Konklużjonijiet tal-Kunsill
dwar il-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)
matul il-Presidenza Ċiprijotta

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea:

1. JIRRIKONOXXI l-impatt pożittiv tal-Kodiċi ta' Kondotta u l-isforzi tal-Grupp fil-mitigazzjoni tal-prattiki dwar it-taxxa dannużi, li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tar-reġimi tat-taxxa preferenzjali kemm fl-UE kif ukoll fil-livell dinji;
2. JAPPREZZA l-isforzi tal-Grupp fl-avvanz tal-oġġettivi deskritti fil-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) u JINKORAĠĠIXXI lill-Grupp biex ikompli l-ħidma siewja tiegħu;
3. JAPPROVA r-rapport tal-Grupp kif jinsab fid-dokument 9626/26;
4. JAPPROVA l-valutazzjonijiet tal-effetti reali tal-miżuri individwali kif maqbula mill-Grupp u JITLOB lill-Grupp ikompli bil-monitoraġġ tal-istatus quo, l-implimentazzjoni tal-iżmuntar u l-monitoraġġ tal-miżuri individwali;
5. JILQA' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta fir-reviżjoni tal-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx fi Frar 2026; IĦEĠĠEĠ lill-Grupp iżomm djalogu effettiv mal-ġuriżdizzjonijiet, kif ukoll monitoraġġ u skrinjar, biex jappoġġa l-konformità tagħhom mal-kriterji tal-elenkar tal-UE u t-twettiq tal-impenji sal-iskadenza miftiehma;
6. JILQA' l-progress li sar mill-ġuriżdizzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kriterju 2.1 biex jirrifirmaw ir-reġimi tagħhom ta' eżenzjoni tal-introjt minn sors barrani (FSIE); JIRRIKONOXXI l-monitoraġġ kontinwu mill-Grupp ta' ġuriżdizzjonijiet mingħajr taxxa jew b'taxxa nominali biss għall-implimentazzjoni effettiva tar-rekwiżiti ta' sustanza ekonomika għall-kumpaniji u entitajiet oħra li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kriterju 2.2 u JAGĦRAF il-monitoraġġ kontinwu tal-Grupp tal-ġuriżdizzjonijiet rilevanti li qabel kienu eżentati mill-kriterju 3.2;

7. IĦEĠĠEĠ il-ħidma kontinwa tal-Grupp fuq l-evalwazzjoni tal-effettività tal-miżuri difensivi lejn il-ġuriżdizzjonijiet elenkati;
 8. JAPPELLA lill-Grupp jirrieżamina regolarment l-iżviluppi internazzjonali relatati mas-sjieda benefiċjarja u jkompli bl-isforzi biex jinkorpora s-sjieda benefiċjarja bħala r-raba' kriterju ta' trasparenza;
 9. JAPPELLA lill-Grupp biex ikompli l-ħidma fuq l-indikaturi tal-ġhażla xierqa għal modifiki futuri tal-ambitu ġeografiku tal-lista tal-UE;
 10. JISTIEDEN lill-Grupp jirrapporta lura lill-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu matul il-Presidenza Irlandiża.
-